MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 831/2002

**Lourdes Falzon**

**vs**

**Anthony Falzon**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 19 ta’ Lulju 2002 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fl-20 t’Awissu 1979 kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg (Dok “A”).

Illi z-zwieg ta’ bejn il-kontendenti thassar irrevokabbilment minhabba mohqrija, sevizzi gravi, swat, ingurji, u theddid da parti tal-konvenut.

Illi l-attrici giet debitament awtorizzata skond Digriet tas-Sekond' Awla tas-16 ta' Lulju 2002, kopja ta' liema tinsab esebita bhala Dok "B", biex tipprocedi ghas-separazzjoni personali.

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti.

2. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni, taqsamha f'zewg porzjonijiet applikando kontra l-konvenut is-sanzjonijiet kontemplati fil-ligi u tassenja wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut, bin-nomina okkorrendo ta' perit biex jaghmel likwidazzjoni u jipproponi pjan ta' qasma, u okkorrendo ta' nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirrapprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

3. Tikkundannah sabiex jikkonsenja lill-attrici fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss l-oggetti kollha parafernali nkluzi flus, u fin-nuqqas jigi kkundannat ihallas lill-attrici l-valur taghhom kif jigi likwidat okkorrendo permess ta' perit nominand.

4. Tordna, tiddikjara u tiddeciedi li ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi, l-attrici ghandha tirriverti ghal kunjom xbubitha, u cjoe' Zahra.

Bl-ispejjez u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 9 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tal-11 ta' Novembru 2002 a fol. 15 fejn gie eccepit:-

1. Illi l-eccipjent ma jopponix ghall-ewwel talba attrici b'dan pero' li l-htija ghal din is-separazzjoni hija mputabbli

nterament lill-attrici u ghalhekk din ghandha terfa’ r-responsabbilta’ legali li titnissel minn dan il-fatt.

2. Illi bil-maqlub ta’ dak li gie premess fic-citazzjoni attrici, iz-zwieg tal-kontendenti tkisser irrevokabbilment minhabba sevizzi gravi, ingurji, theddid u eccessi da parti ta’ l-attrici u ghalhekk it-tieni talba ta’ l-attrici trid tigi arginata fil-parametri konsegwenzjali tal-htija ta’ l-attrici.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-konvenut kien u ghad ghandu kull interess f’separazzjoni bonarja u f’dan is-sens ukoll l-eccipjent ma jsib l-ebda oggezzjoni, kif qatt ma sab, li l-attrici tiehu l-oggetti parafernali basta li l-ispejjez gudizzjarji relattivi ghandhom jigu sopportati mill-kontro-parti.

4. Illi f’kull kaz il-konvenut ma ghandux ibaghti mill-kap ta’ l-ispejjez.

5. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 16 u 17 tal-process.

Rat il-verbal tat-13 ta’ Novembru 2002 fejn Dr. Stefano Filletti ghall-konvenut informa lill-Qorti li l-istess konvenut kien jinsab fil-lock up tal-Qorti fejn ma kien hemm l-ebda ufficjal sabiex itellghu fl-Awla. Min-naha tieghu Dr. David Camilleri ghall-attrici ddikjara li ma joggezzjonax li l-eccezzjonijiet jigu pprezentati tardivament. Inghata digriet affidavit ta’ l-attrici b’terminu ta’ sittin (60) gurnata.

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 11 ta’ Novembru 2002 fejn talab li jinghata l-fakulta’ jiggustifika l-kontumacja tieghu; peress li l-attrici ma’ sabhet l-ebda oggezzjoni ghall-prezentata ta’ l-istess eccezzjonijiet din il-Qorti astjeniet milli tiehu aktar konjizzjoni ta’ l-istess rikors, b’dan li l-istess konvenut jista’ jipprezenta l-istess eccezzjonijiet.

Rat id-digriet tal-Qorti tat-12 ta’ Novembru 2002 fejn ordnat lill-istess konvenut sabiex iressaq il-provi tieghu fis-seduta li jmiss.

Rat in-nota ta’ l-attrici datata 28 ta’ Jannar 2003 li permezz taghha esebiet l-affidavit taghha, u iehor ta’ binha Jason Falzon.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta’ Frar 2003 fejn inghata digriet affidavit tal-konvenut b’terminu ta’ hamsin (50) gurnata.

Rat in-nota tal-konvenut datata 27 ta’ Marzu 2003 li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu, ta’ ohtu Josephine Falzon, ta’ huh Karmenu Falzon u ta’ ohtu Emmanuela Bonello.

Rat il-verbal tat-2 t’April 2003 fejn Dr. Stefano Filletti ghall-konvenut iddikjara li hemm dejn mal-bank ta’ *circa* Lm3,000/Lm4,000.

Rat in-nota tal-konvenut tas-17 ta’ Gunju 2003 a fol. 46 tal-process, kontenenti l-assi tal-komunjoni u pjan ta’ qasma ta’ l-istess.

Rat il-verbal tat-18 ta’ Gunju 2003.

Rat ir-rikors ta’ l-attrici datat 25 ta’ Gunju 2003 fejn talbet li tinghata l-fakulta’ tipprezenta affidavit ulterjuri sabiex tissostanzja s-sottomissjonijiet finali taghha.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti datat 25 ta’ Gunju 2003 fejn il-Qorti laqghet it-talba u pprefiggiet terminu ta’ erbghin (40) gurnata ghall-iskop indikat.

Rat in-nota ta’ l-attrici tat-28 ta’ Lulju 2003 li permezz taghha esebiet l-imsemmi affidavit ulterjuri taghha.

Rat il-verbal tad-29 t’Ottubru 2003 fejn wara li l-Qorti giet infurmata li l-provi gew konkluzi, fuq talba ta’ Dr. Stefano Filletti ghall-konvenut il-Qorti pprefiggiet terminu ta’ erbghin (40) gurnata lill-attrici sabiex tipprezenta nota t’osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu l-istess terminu biex jirrispondi.  Il-kawza giet

differita ghal sentenza *in difetto ostacolo* ghat-30 ta' Gunju 2004.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attrici pprezentata fid-9 ta' Dicembru 2003, u dik tal-konvenut datata 15 ta' Jannar 2004.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija kawza ta' separazzjoni tal-konvenut fejn il-partijiet qed jghidu li kawza ta' separazzjoni kienet tort tal-parti l-ohra. Mill-ezami tal-provi jirrizulta li l-partijiet ipprezentaw stampa ghal kollox differenti minn xulxin. Filwaqt li l-konvenut isostni li dejjem hadem u rrispetta lill-familja tieghu, wara xi zmien jibda jaghmel akkuzi fil-konfront tal-mara tieghu li ma kellhiex rispett lejh. Dwar it-tfal jghid li dejjem tahom dak li kellhom bzonn. Jghid li l-mara tieghu mardet u anke hadet kalmanti u ntilfet minn sensiha.

Illi minn banda l-ohra l-istess attrici tirrakkonta hajja kontinwa ta' vjolenza domestika fuqha, abbuzi sesswali li sehhew fuqha fejn l-istess konvenut impona ruhu fuq l-attrici anke vjolentement, u wkoll swat kontinwu u theddid kemm *verso* l-mara u kemm *verso* t-tfal b'mod partikolari fil-konfront ta' Jason Falzon li jikkorrobora fid-dettal l-incidenti kollha li huwa kien xhud ghalihom, kemm meta kien ghadu d-dar u kemm wara Awissu 2001 meta l-attrici u wliedha telqu mid-dar matrimonjali. Ir-rakkont specjment ta' bin il-kontendenti li llum ghandu tlieta u ghoxrin (23) sena huwa skjaccanti u jindika b'mod mill-aktar palez sa fejn wasal il-konvenut bi vjolenza, theddid u ngurji gravi fil-konfront ta' martu u wliedu. Mhux hekk biss, izda jirrizulta li b'sentenza tal-Qorti Kriminali wara guri datata 26 ta' Novembru 2003 l-istess konvenut fil-5 ta' April 2002 instab hati ta tentattiv ta' omicidju volontarju fuq martu, fejn

sparalha u laqatha f’ghonqha. Huwa nstab ukoll hati li kellu fuqu arma tan-nar.

Illi fil-fatt fl-istess sentenza apparti li nstab hati tar-reat li bih kien akkuzat fil-konfront ta’ martu, l-istess Qorti Kriminali meta giet biex tistabbilixxi l-piena sostniet li *“kuntrarjament ghal dak li ssottomettiet id-difiza – dan ma kienx zball uniku ghaliex il-hati kkometta dan ir-reat minkejja li ghal darbtejn minn Ottubru 2001 ’il quddiem kien misjub hati b’sentenzi differenti tal-Qrati tal-Magistrati, u dan in konnessjoni ma’ ncidenti li hu kellu ma’ martu w/jew uliedu w persuni ohra. Sussegwentement ghall-kommissjoni tar-reat mertu ta’ dn il-kawza gie sentenzjat ukoll fuq akkuzi simili ohra kommessi qabel u anke wara l-kaz”.*

Illi l-istess sentenza ssemmi diversi ncidenti fejn l-istess konvenut kien instab hati f’sentenzi ohra mill-Qrati Kriminali ta’ ncidenti li graw u li gew ikkawzati minnu fil-konfront tal-familjari tieghu, inkluzi dawk li tal-20 ta’ Novembru 2001, 25 ta’ Lulju 2002, 20 ta’ Settembru 2002, b’decizjonijiet tas-26 ta’ Frar 2002, 24 ta’ Jannar 2003, u 16 ta’ Settembru 2003, u ghalhekkk in vista ta’ dan kollu u l-korroborazzjoni sinfikattiva tat-tezi ta’ l-attrici moghtija mix-xhieda ta’ iben il-kontendenti, din il-Qorti thoss li ma hemm l-ebda dubju li l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut li kien hati *verso* l-attrici u wliedha ta’ l-estremi kollha ta’ vjolenza domestika u vjolenza pura. Din il-Qorti thoss li l-affidavit tal-konvenut in vista ta’ dan kollu ma huwa xejn kredibbli u hija ta’ l-ghageb kif l-istess konvenut ma jsemmi xejn dwar dawn l-akkuzi kollha fl-affidavit tieghu. Dan jirrendi l-istess konvenut aktar perikoluz, ghaliex jidher li ghadu lanqas biss nidem mill-atti gravi li kkometta, tant li minkejja li l-affidavit tieghu sar fis-27 ta’ Marzu 2003 huwa ma jsemmi xejn fih dwar dawn il-kundanni kollha mill-Qrati ta’ dan il-pajjiz fil-konfront tieghu. Mhux hekk biss izda fin-nota ta’ l-osservazzjonijiet tieghu *tramite* d-difensur tieghu datata 15 ta’ Jannar 2004, jghid hekk dwar responsabbilta’ tas-separazzjoni:-

*"Il-konvenut jichad l-allegazzjonijiet attrici illu huwa ripetutament ingurja jew uza vjolenza jew irrenda ruhu hati ta' sevizzi fil-konfront ta' l-attrici jew il-membri tal-familja tieghu, u dan peress li l-konvenut dejjem kien u ghadu jhobb lill-familja tieghu".*

Illi din il-Qorti thossha ferm perturbata b'dikjarazzjoni ta' dan it-tip maghmula mid-difensur legali ghan-nom ta' persuna li nstabet hatja li sparat ghal persuna ohra (martu), u hatja wkoll ta' diversi ncidenti ta' vjolenza u theddid fil-konfront ta' l-istess martu u familjari tieghu. Certament li fid-dawl tar-rizultanzi kollha ta' din il-Qorti mill-provi u dokumenti esebiti, inkluz is-sentenza tal-Qorti Kriminali datata 26 ta' Novembru 2003 mill-Onorevoli Imhallef Joseph Galea Debono, din il-Qorti thoss li x-xhieda u sottomissjonijiet tal-konvenut, inkluz tax-xhieda minnu prodotti f'din il-kawza huma mhux biss inveritieri izda ghal kollox irresponsabbli u jmorru kontra kull limitu ta' kredibbilta' u serjeta'.

Illi dwar il-komunjoni ta' l-akkwisti jidher li ma hemm xejn ta' valur ghaliex id-diversi vetturi li semmiet l-attrici, il-konvenut isostni li ma fadal xejn u minn dawn certament li l-attrici ma hadet xejn. Jirrizulta li baqa' biss van Sharpa li jinsab fil-pussess tal-konvenut u dan qed jigi assenjat lill-konvenut; dwar xi mobbli li qatt ma gew specifkati kull parti izzomm l-istess mobbli li jinsabu fil-pussess taghha; dwar l-allegat dejn tal-komunjoni li tieghu l-konvenut ma ressaq l-ebda prova, dan ghandu jigi sopportat kollu mill-konvenut, *stante* li dan kien jirrelata man-negozju li huwa kellu tal-barriera li kien jahdem, *stante* li huwa u huwa biss kien imexxi dan in-negozju u ghalhekk ghandu jigi tenut responsabbli ghal-istess, u dan b'applikazzjoni wkoll ta' l-**artikolu 48** li qed jigi applikat *in toto* fil-konfront tal-konvenut. Fin-nota tieghu datata 17 ta' Gunju 2003 l-istess konvenut ivanta kreditu fil-konfront ta' ibnu fl-ammont ta' Lm2,300, izda apparti li dan mhux il-mertu tal-kawza odjerna, jinghad li prova ta' dan lanqas tirrizulta mill-process, u in vista ta' dak li xehed dwaru l-istess Jason Falzon, inkluz il-hsara li l-istess konvenut ghamel fuq il-karozza ta' ibnu, din il-Qorti thoss li anke f'dan l-

aspett ix-xhieda u s-sottomissjoniet tal-konvenut ma gewx ippruvati.

Illi fl-istess waqt it-tielet talba attrici lanqas giet ippruvata.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, filwaqt li **tichad it-tielet talba** minhabba nuqqas ta' provi, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti b'dan li jigi dikjarat li l-istess konvenut kien hati *verso* l-attrici ta' mohqrija kbira, sevizzi gravi, swat, ingurji u theddid *da parte* tal-konvenut fuq l-attrici, u kien kawza ta' l-istess li z-zwieg tkisser irremedjabilment ghar-ragunijiet imputabbli lill-istess konvenut esklussivament.

2. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-kontendenti u dan b'effett minn Awissu 2001, u tiddikjara li fl-istess komunjoni ma' baqa' xejn ta' valur, b'dan li kull parti ghandha tibqa' zzomm il-mobbli li ghandha fil-pussess taghha, filwaqt li l-vann Shapiro ghandha tigi assenjata lill-konvenut, liema vettura ghada tinsab fil-pusess tieghu, u kull dejn ta' l-istess komunjoni, ghandhu jigi sopportat mill-istess konvenut, *stante* li dan huwa relattatt man-negozju li huwa kellu u qed jigu applikati kontra l-konvenut id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 48** *in toto* fil-konfront tieghu.

3. Tichad din it-talba sabiex tikkundanna lill-konvenut sabiex jikkonsenja lill-attrici l-oggetti kollha parafernali nkluzi flus, u biex fin-nuqqas jigi kkundannat ihallas lill-attrici l-valur taghhom kif jigi likwidat okkorrendo permess ta' perit nominandi, u dan peress li din it-talba ma gietx ippruvata.

4. Tordna li l-attrici Lourdes Falzon tirriverti ghal kunjom xbubitha, u cjoe' Zahra.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess konvenut, b'dan li din il-Qorti tordna lill-attrici sabiex a spejjez taghha tinnotifika kopja ta' din is-sentenza lill-Kummissarju tal-Pulizija u lic-*Chief Executive Officer* ta' l-Agenzija Appogg sabiex skond il-ligi jaghtu l-ghajnuna kollha li hemm bzonn lill-attrici.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------